



Brussell, 23 ta' April 2021
(OR. en)

7980/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0335(NLE)**

**SCH-EVAL 48
ENFOPOL 136
COMIX 217**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	7545/21
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas- Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- kooperazzjoni tal-pulizija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata permezz ta' proċedura bil-miktub fit-22 ta' April 2021.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbiliet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda lis-Slovenja azzjonijiet ta' rimedju biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija li saret fl-2019. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri l-kostatazzjonijiet u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni, ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 360.
- (2) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen, jenħtieġ li tingħata prijorità għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet minn 1 sa 6.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jenħtieġ li, fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, is-Slovenja tipprovdi valutazzjoni tat-titjib lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa,

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li s-Slovenja:

1. ittejjeb it-tiftix li jirrikjedi traslitterazzjoni u dak tal-loġika fuzzy kif ukoll il-faċilità tal-użu tal-FIO² u tal-OKCP³;
2. ittejjeb l-effettività tal-apparati mobbli, tal-kopertura tan-network fil-pajjiż kollu u żżid l-għadd ta' apparati mobbli għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali tal-pulizija;
3. tikkonkludi malajr ftehim bilaterali ġdid mal-Kroazja, u b'mod partikolari tindirizza l-kwistjoni tal-operazzjonijiet transfruntiera, bħall-insewiment u s-sorveljanza transfruntiera;
4. tfittex li tinneogzja mill-ġdid il-ftehim bilaterali attwali tagħha ta' kooperazzjoni tal-pulizija mal-Awstrija;
5. timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra⁴;
6. tiżgura l-kontroverifika awtomatizzata tad-data minn talbiet li jidħlu mas-sistema ta' ġestjoni tal-kompiti tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni tal-Pulizija Internazzjonali u mal-bażijiet ta' data nazzjonali;

² L-applikazzjoni tal-pulizija nazzjonali għall-verifiki li jirrigwardaw persuni u oġġetti.

³ L-applikazzjoni web li tippermetti li jsir tiftix f'sitt bażijiet ta' data nazzjonali, INTERPOL u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129–136, <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:218:0129:0136:MT:PDF>

7. tiżgura li ċ-ċentru ta' kuntatt ċentrali tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni tal-Pulizija Internazzjonali jkollu biżżejjed riżorsi biex jiġġestixxi b'mod effettiv l-ammont ta' xogħol tiegħu;
8. tipprovdi taħriġ għall-għodod kollha tal-kooperazzjoni tal-pulizija internazzjonali għall-persunal tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni tal-Pulizija Internazzjonali li jeżerċita funzjonijiet ta' kuntatt ċentrali;
9. tipprovdi taħriġ għall-investigaturi tal-pulizija kriminali (prattikanti) dwar il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri rigward operazzjonijiet transfruntiera;
10. ittejjeb il-ġbir ta' data rilevanti relatata ma' operazzjonijiet transfruntiera u l-insewiment bil-għan li tiġi stabbilita stampa nazzjonali preċiża;
11. tqajjem għarfien dwar il-benefiċċju tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 (l-hekk imsejħa Deċiżjoni Kwadru Żvediża)⁵.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁵ Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89-100, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32006F0960>